QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 111/01**

**Webcraft Limited**

**Vs**

**Mayfair Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tas-socjeta'konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm623.88c) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi lilhom rezi fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Jannar 2001 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-atturi permezz ta' liema huma rrinunzjaw ghas-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll bil-gurament lill-Aldo Calleja issib illi t-talba attrici ghall-ispejjez hija gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti

jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg